**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025**

**<u>Rikors guramentat nru: 155 /2023 AGV</u>**

**TE**

**Vs**

**Direttur Registru Pubbliku,**

**WS**

**CB u b'digriet tal-11 ta' Gunju, 2024, gew innominati Dr.Charmaine Cherrett u PL Jean P. Busuttil bhala kuraturi deputati**

**Il-Qorti rat ir-Rikors ta' T E datat 28 ta' Gunju 2023, fejn ippremetta s-segwenti :-**

Illi fit-18 ta 'Lulju 2012 twieldet tifla minuri SB li llum ghandha 10 snin.

Illi omm it-tifla irregistrat lit-tifla minuri taht l-isem ta' C B ,bhala missierha, minflok taht l-isem missier naturali taghha, li hu l-esponenti, u dan minhabba prezunzjoni li min jitwieled fiz-zwieg hu prezunt li hu wild il-konjugi.

Illi kif ser jirrizulta waqt is- smiegh u trattazzjoni ta' din il-kawza, it-tifla S hija tifla naturali tal-esponenti li qed jintavola dan ir-rikors, sabiex l-istess minuri tigi registrata taht ismu bhala l-missier naturali taghha.

Illi dawn il -proceduri gew preceduti minn talba skont Artikolu 77 C tal-Kap 16 - Rik Gen 333 /2023 JPG, biex hu jkun jista' jipprocedi b' din il-kawza, liema talba giet milqugha fid-19 ta' Gunju 2023 – annessi u mmarkati bhala Dok A.

Illi l-esponenti lest jadderixxi ruhu ma' kull ordni jew testijiet li l-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

Illi l-esponenti qed jipprezenta affidavit tar-ragel, registrat bhala missier SB sabeix jikkonferma dawn il-fatti, anness u mmarkat bhala Dok B.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment lil din Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi il-konvenut CB mhux il-missier naturali tal-minuri S u tiddikjara li l-missier naturali taghha, hu l-attur.

2. Tordna lill-konvenut Direttur Registru Pubbliku sabiex jemenda l-atti tat- twelid tat-tifla S B billi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it -tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom it -tarbija, l-isem CB jigi sostitwit b' TE

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta ta' WS datata 27 ta' Settembru 2023 fejn eccepiet is-segwenti :-**

1. Illi l-espoennti ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti, fir-rikors guramentat tieghu.
2. Illi l-attur ma ghandux l-ebda relazzjoni mat-tifla u qatt ma kien jaghmel parti minn hajjitha. F' dan l-ahhar hdax- il sena, ir-rikorrenti qatt ma wera' interess u lanqas ikkontribiwxxa b' ebda mod ghat-trobbija ta S b'dan li dan iz-zmien kollu u sallum safejn taf l-esponenti, ir- rikorrenti ghex u ghadu jghix barra minn Malta, mal-familja tieghu.
3. It-tifla tal-esponenti ghandha 11 – il sena, sejra tajjeb fl-iskola u ghandha aspirazzjonijiet kbar.
4. Illi rigward l-affidavit ta' CB , nghid li mal-affidavit tieghu, stess jirrizulta li l-ebda haga li jghid u jahlef C B ma jista' qatt jitqies bhala affidabbli jew veritiera.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunwke kaz, l-esponenti ma ghandhix tigi assoggetata ghall-ispejjez tal-kawza, stante li fl-assenza minn u fin- nuqqas ta' interess li l-attur wera' lejn S , tul hajjitha kollha, sallum l-esponenti hadmet u tat lil uliedha hajja u edukazzjoni xierqa u m'ghandhix tehel l-ispejjez ta' dawn il-proceduri biss biex l-attur ftakar illi hu l-missier u qieghed jivvanta d-dritt li jigi hekk rikonoxxut.

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri**

**Rat ir-Risposta tad-Direttur Registru Pubbliku datata 9 ta' Awwissu 2023 fejn eccepixxa s-segwenti :-**

1. Illi preliminarjament peress li din hija kawza li titratta paternita' tal-minuri SB (minn issa' l quddiem il-minuri ) hija ghandha tigi kjamata in kawza, u jinhatru kuraturi deputati sabiex jipprezentaw l-istess minuri.
2. Illi preliminarjament ukoll mhux car jekk l-attur hu residenti Malta, f' kaz li huwa assenti minn Malta, din il-kawza kellha tinfetah f'isem avukat ghan-nom in rapprenzentanza ta' T E ai termini ta' Artikolu 180 tal-Kap 12 ta' Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-attur ghandu jirregola ruhu dwar dan il- punt skont il-kaz.
3. Illi fil-mertu, jinghad li l-esponenti mhux edott mill-fatti.
4. Illi minn dak li jirrizulta *ictu ocoli*, mill-att ta' twelid b' numru progressiv 3494/2012, il-minuri twieldet Malta nhar it-18 ta' Lulju 2012 lill- konvenuti CB , u WB , nee S , fiz-zwieg. Dan skont dak dikjarat l-omm stess, kif jirrizulta mil- att ta' twelid anness u

mmarkat Dok DRP 1 , kif ukoll mid- dikjarazzjoni maghmula mill-omm stess a tenur tal-artikolu 292 A tal-Kap . 116 ta' Ligijiet ta' Malta, Dok DRP2.

**5.** Li l-attur qed jishaq li nonostante tali dikjarazzjoni, effettivament huwa hu l-missier bijologiku tal-minuri.

**6.** Illi fic-cirkostanzi, l-esponenti jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**7.** Illi sabiex tilqa l-ewwel talba, il-Qorti ghandha tkun sodisfatta li l-attur huwa verament il-missier naturali tal-minuri, u anka bl-ghajnuna ta' testijiet genetici tramite esperti imqabbda mill-istess Qorti.

**8.** Illi dwar it-tieni talba l- attur ghandu permezz ta' nota pprezentata fl-atti u jiddikjara d-dettalji personali tieghu, fil-mument tat-twelid, senjatament, in- numru tal-karta tal-identita' tieghu , ismu u kuniomu, l-eta' tieghu meta twieldet l-minuri, il-post ta' twelid tieghu, il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-minuri, isem u kunjom il-missier ( nannu patern ) meta twieldet l-minuri, jekk in-nannu patern kienx ghadu haj meta twieldet l-minuri. Tali informazzjoni, hija mehtiega biex eventwalment tigi inserita fl-att tat-twelid tal-minuri.

**9.** Illi maghdud mal-premess, il-partijiet ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri u dan dejjem ghandu jkun fl-ahjar interess taghha.

**10.** Illi f' kaz li l-Onorabbli Qorti, sejra tilqa' t-talbiet attrici, ghandu jigi specifikat li korrezzjonijiet ghandhom isiru fuq l-att tat-twelid numru 34 94 /2012.

**11.** Illi finalment, l-esponenti ma ghandux jehel spejjez ta' dawn il-proceduri, stante li hu car li f'kaz odjern, ma jirrizulta ebda nuqqas tal-esponenti imharrek.

**12.** Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut CB ma wegibx, u ghalhekk baqa' kontumaci.

**Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.**

**Semghet il-provi.**

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>Fatti</u>**

1. L-attur fl-2009 kien iltaqa' ma' WS li kienet toqghod San Pawl ukoll. Kien hawn li ltaqghu u zvillupaw relazzjoni li wasslet ghaz-zwieg taghhom li sar fic-Centru Izlamiku Rahal Gdid.[1]

   Jispjega li z-zwieg taghhom kien dam biss sena u sseparaw. Fis-sena 2011 kien telaq lejn is-Sirja minhabba l-mewt ta' missieru u huh u ma kellux ideja li l-attrici kienet tqila bit-tifla tieghu u kien biss wara li sar jaf li S twieldet fit-18 ta' Lulju, 2012 li llum ghandha tnax-il sena.

[1] Dok. A anness mal-affidavit tal-attur

Ighid li kien sar jaf b'dan tramite l-gar tieghu f'Bugibba u kien ghalhekk li kien ikkuntatta lill-konvenuta u apparti hekk kien anke f'zewg okkazzjonijiet bghatilha l-flus.[2]

Izid ighid li ma setax jigi Malta minhabba l-gwerra li kien hemm is-Sirja, izda madanakollu qatt ma kien nesa' li Malta kellu tifla.

Il-konvenuta kienet thallih ikellem lit-tifla biss meta kien jibghatilha l-flus. L-attur jammetti li huwa preokkupat ghat-tifla peress li wild il-konvenuta huwa kriminal u kellu diversi sentenzi kontrih relatati mal-abbuz tal-alkohol u mal-abbuz tad-droga u fil-fatt gie kkundannat il-habs f'diversi okkazzjonijiet wara li nstab hati ta' numru ta' reati fosthom li kkaguna griehi ta' natura gravi lill-persuna. Kien anke nstab hati fuq serq.[3]

Kien imbaghad sar jaf li l-konvenuta kienet irregistrat lit-tarbija fuq isem CB peress li kienet mizzewwga mieghu dak iz-zmien u ghalhekk fetah dina l-kawza sabiex jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u bijologiku tat-tifla u jkollu access ghaliha halli ma tikbirx u tinsiehx.

Izid ighid li l-konvenuta kienet ikkonfermat li huwa l-missier naturali ta' Salma, pero' meta dina l-Qorti kienet ordnat li ghandhom isiru t-testijiet tad-DNA kienet harbet minn Malta u dan minkejja li kien ipprezentat mandat ta' impediment ta' partenza. Sallum it-testijiet tad-DNA ghadhom ma sarux.[4]

---

[2] Dok. B anness mal-affidavit tal-attur.
[3] Dok. C anness mal-affidavit tal-attrici
[4] Dok.D anness mal-affidavit tal-attrici

Minn dak iz-zmien l-attur ma rnexxilux ikollu kuntatt mal-konvenuta u ma' bintu.

Minkejja li talab l-ghajnuna tal-Pulizija u anke tas-Social Care and Standards Authority ma setghux ighinuh peress li ma kienx irregistrat bhala l-misser naturali u bijologiku tal-minuri S .

Ighid ukoll li mill-ahhar informazzjoni li ghandu l-konvenuta tghix l-Italja, fejn ghandha xi qraba jghixu hemmhekk.

2. **CB** jikkonferma li kien izzewweg lil WS madwar ghoxrin sena ilu u kienet avvicinatu ghar-ragunijiet ta' konvivenza u fil-fatt kienet anke hallsitu talli zzewwigha u din kienet ideja taghha.

Di fatti jghid li xi sitt sieghat wara li ccelebraw iz-zwieg kienu diga' qattghu l-kuntatt u ma kienx hemm relazzjoni ta' mizzewwgin.

Jikkonferma ukoll li minn dan iz-zwieg qatt ma kellu tfal minghand W S peress li dak iz-zmien kien diehel u hiereg il-Habs u ghadu hemm sallum.

Izid ighid li kien sar jaf li t-tfal SYB u SB imwieldin fil-11 ta' Awissu, 2033 u fit-18 ta' Lulju, 2012 rispettivament kienu rregistrati fuq ismu peress li kien mizzewweg ma' WS, izda jikkonferma li dawn it-tfal mhumiex uliedu.

Jammetti li qatt ma kien iffirma ghal dan ic-certifikat tat-twelid u li kien sar kollox minn wara daharu.

Jaccerta lil dina l-Qorti li dawn it-tfal mhumiex uliedu, izda twieldu minn relazzjoni extra-maritali ta' WS

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**L-Artiklu 67** tal-Kap. 16 li jikkontempla li "***L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin il-konjugi***" jirrapprezenta presunzjoni *iuris tantum* li tarbija li twieldet fiz-zwieg hija prezunta bhala tarbija tar-ragel tal-omm. L-omm hija dejjem certa (*marter semper certa est*) mhux bhal kaz tal-missier naturali u bijologiku. Dan gie stabbilit fil-kaz **Carmen Zammit u Dr. Renzo Porsella Flores vs Wade Dadouch et.**

Il-presunzjoni ta' paternita' tmur lura ghaz-zmien il-ligi Rumana "pater is est quem justae nuptae demonstrate," fejn il-principji bazici ta' dina l-presunzjoni hija li l-mara mizzewwga ghandha obbligu t' fedelta' lejn zewgha. Fuq dina l-presunzjoni taht il-ligi Rumana awturi Italiani rinominati kellhom xi jghidu hekk:-

Baudry (Persone, Vol. IV par. 443): "***Determinando con regole precise il periodo nel quale deve necessariamente farsi il concepimento del figlio, il legislatore non si e proposto soltanto de escludere l'arbitrio del guidice. Inspirandosi ad interessi superiori, all'interesse del societa intiera e all'interesse del figlio stesso, ha voluto sopratutto facilitare la prova della figliazione legittima.***"

- Laurent (Diritto Civile Vol. III par. 361): « ***Era senza dubbio preferibile di affermare e di marcare invariabilmente questo termine, a rischio di errore su alcuni casi improbabili, piuttosto che di lasciare tutte li quistioni relative allo stato degli uomini sotto la dipendenza di un calcolo arbitrario. »***
-
- De Filippis (Diritto Civile Italiano Comparato [1887], Vol. X para. 58): ***« Se la contestazione non cade sulla durata della gestazione, giacche e provato od ammesso il punto di fatto della nascita del figlio al di la dei trecento giorni dallo scioglimento od annullamento del matrimonio, il tribunale non puo, senza manifesta violazione della legge, discutere la legittimita od illegitimita del figlio. »***

**Dina l-prova giet diskussa ukoll fil-kaz Magro vs Magro Appell deciza fit-13 ta' Gunju, 2005**.

*"…ma hemmx dubju minn qari tad-disposizzjonijiet kollha rilevanti illi* ***l-Legislatur ma riedx li l-prova genetika wahedha tkun sufficjenti biex teskludi l-paternita`, minghajr il-htiega li jigu wkoll ippruvati r-rekwiziti l-ohra kollha rikjesti mil-ligi. Kieku din kienet ir-rieda tal-legislatur dan kien jghidu espressament. Minflok il-legislatur ghazel li t-testijiet genetici ikunu rikonoxxuti biss bhala prova – forsi anki wahda mill-iktar provi importanti – flimkien mal-provi l-ohra prodotti biex jissustanzjaw l-elementi l-ohra ta' wahda jew iktar mill-ipotesijiet kontemplati mil-ligi****. Fi kliem iehor, il-legislatur ma riedx*

*li l-prova genetika wehidha tkun sufficjenti biex tipprevali fuq il-prezunzjoni legali li* ***pater is est quem justae nuptiae demonstrant"2***

Fil-kaz **Anthony Grima vs Josianne Grima ( 19/4/2012),** il-Qorti qalet li***"Imkien ma tghid il-ligi illi l-provi genetici, wehedhom, huma bizzejjed biex, f'kull zmien, jibdlu l-istat tal-ulied."***

Hemm diversi sentenzi li nterpretaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 81 u 77tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta  u jekk l-Artikolu 77 ghandux ikun subordinat ghall-Artikolu 81 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz **Stephen Healy vs Clyde Farrugia Vella et FHCC 1841/98 – 1 March 2001** il-Qorti qalet hekk**:-**

***"Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-artikolu 77 hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 81 li jipprovdi li l-istat ta iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att.***

***Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond l-artikolu 77 sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu."***

Fil-kaz **Mark Fenech Laudi vs Irina Fenech Laudi et noe**. Rik. nru: 44/18 AGV deciza fit-30 ta' Mejju, 2019, Il-Qorti enuncjat is-segwenti:-

***"For the plaintiff to proceed under Article 77 (b), the Court must first and foremost ensure that by proceeding by such an action, no prejudice would be caused to the minor in terms of Article 81. By creating such presumption at law, the legislator wanted to uphold the social and legal interests of the child, more than the biological interests at stake, in the sense that it would be more detrimental to a child to find himself suddenly declared to be illegitimate once again, when he was legitimated for all intents and purposes at law. One cannot simply overturn a child's life upside down after having brought him up within a family structure, with a person who he always considered as his parent, who maintained him and even gave him his surname.***

***Article 81 also derives from the presumption specified in Article 67 that states:-***

***""A child conceived in wedlock is held to be the child of the spouses.""***

**Fuq l-istess artikoli fil-kaz** *Anthony Grima vs Josianne Grima*[5] il-Qorti stqarret hekk ***- "l-iskop centrali tal-ligi huwa l-protezzjoni***

[5] 36/2012 deciza 24 ta' Marzu, 2015

***tal-istabbilita' familjari li jkunu ghixu fiha l-ulied u li ghalhekk f'din ic-cirkostanza din l-istabbilita' familjari ghandha tipprevali fuq kwalunkwe dritt ta' terzi."***

Il-Qorti kompliet tghid hekk***:- "Il-kwistjoni ghalhekk tirriduci ruhha ghall-apprezzament tal-provi dwar jekk il-minuri ghandux stat ta' iben imwieled minn koppja mizzewwga jew inkella ghandux stat li huwa imwieled minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn mara mizzewwga u ragel li ma hux zewgha.***

***Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet "Marco Vella vs Pauline Cassar et." iccitata ukoll mill-konvenut Direttur fin-nota tieghu jinghad hekk:-***

***"Dak li jissejjah ir-raison d'etre ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huma jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l'incarnazione della formula solenne "pater is est quem justae nuptiae demonstrat." (Diritto Civile Vol. 1 para 49 page 76).***

***Fil-kawza "Anthony Grima vs Josianne Grima et." deciza fid-19 ta' April, 2012, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid fir-rigward tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap.16:-***

***"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex icahhad lill-ulied mill-istat ta' ulied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex icahhadhom mill-familja li fiha llum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-art.81 (2) u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel jew twieled matul iz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att ta' twelid tieghu."***

Pero' l-Qorti nnuttat hekk:-

***"Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-awtoritajiet pubblici ntimati li kwalunkwe realtá biologika ma ghandhiex tipprevali fuq il-presunzjoni legali li hija bbazata fuq realta' familjari u socjali. Fil-kaz tal-lum, il-presunzjoni legali hija mera tar-realta' familjari u socjali…..u l-presunzjoni naxxenti minn din ir-realta' m'ghandhiex tigi disturbata minhabba realta' biologika.***

***Din il-Qorti hija tal-fehma li l-presunzjoni legali hija skond il-ligi ghaliex parti mhijiex prekluza milli tikkontesta l-paternita'. Il-presunzjoni legali ghandha skop legittimu ghaliex qedgha hemm sabiex tipprotegi d-drittijiet u libertajiet tal-minuri u ghalhekk qeghda tissalvagwardja l-ahjar interess taghhom. Il-presunzjoni legali hija ukoll mehtiega f'socjeta' demokratika sabiex thares ic-certezza legali fir-relazzjonijiet familjari sabiex fl-ahjar interess tal-ulied jipprevali."***[6]

Fil-kaz **Parnis vs Farrugia (2020)** il-Qorti fehmet hekk:- "***Biex l-ebda wild ma jkollux hajtu mqallba ta' taht fuq, il-legislatur zamm ferm fl-applikazzjonijiet ta' dawn id-disposizzjonijiet delikati tal-ligi. Fil-fatt, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 77 C u***

[6] Anthony Grima vs Josianne Grima, Kost.36/2012 deciza fl-24 ta' Marzu, 2015

***ghalhekk l-applikazzjoni tat-terminu tassattiv, huwa primarjament soggett ghall-Artikolu 81 li jikkontempla li hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att ta' twelid bhala iben imnissel, jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat, li jaqbel ma' dak l-att. Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att ta' twelid tieghu.***

***Fis-sentenza Vella vs Vella[7] li ccitat l-attrici, ma tirrizultax kontestazzjoni fuq min kien il-missieru naturali u bijologiku u ghalhekk il-Qorti kienet propensa li tispensa mill-awtorizazzjoni gialdarba t-tibdil ma kienx ser jippregudika l-istat tat-tifel. Fil-kaz odjern il-paternita' hija kkontestata u ghalhekk f'din ir-retroxena, il-Qorti ser ikollha tallontana ruhha mir-ragunar tal-Qorti fil-kaz ta' Vella u torbot fuq l-interpretazzjoni li l-azzjoni a bazi tal-artikolu 77 hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 81 u cioe' l-presunzjoni legali li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att. [8](respect for family life requires that biological and social reality prevail over a legal presumption).***

***Illi fi kliem iehor sabiex tirnexxi l-azzjoni skond l-artikolu 77, trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att***

---

[7] Michelle Vella pro.et. noe. vs Mario Vella Rik. Nru. 39/2014 deciza 15 ta' Lulju, 2014
[8] Josephine Parnis vs Fortunato Farrugia et.

***ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossjedi l-istess stat ta' legittimita'.***

Ai termini tal-Artikolu 81 ghalhekk, it-tifla Salma hija kkunsidrata bhala wild legittima tal-konvenut CB , stante li kien izzewweg lill-konvenuta. Jekk dina l-Qorti kellha ssegwi interpretazzjoni restrittiva ta' dan l-Artikolu 81 bhala li jipprevali fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 77 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta mhix ser tkun propensa li tbiddel l-istat tal-minuri S.

Madanakollu, mill-assjem tal-provi, l-istess CB jammetti li kien izzewweg lill-konvenuta semplicement ghall-konvenjenza taghha u kienet anke halsitu talli akkomodaha. Ftit sieghat wara li zzewwgu ma regghux iltaqghu. L-istess B pprezenta affidavit sabiex jikkonferma li mhuwiex l-missier naturali u bijologiku tal-minuri S.

L-attur da parti tieghu jikkonferma li huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri S u jammetti li pprezenta dina l-kawza peress li jixtieq ikollu access ghall-minuri, wara li jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u bijologiku tal-minuri, peress li jinsab inkwietat li mhix qed titrabba f'ambjent tajjeb u dan meta bin il-konvenuta u ghalhekk hu l-minuri S huwa kriminal involut f'diversi proceduri kriminali u sahansitra wehel il-habs.

Dina l-Qorti ezaminat il-gurisprudenza nostrana u kif zvillupat l-interpretazzjoni tal-Artikolu 81 u kif tissoprasjedi fuq l-artikolu 77 u anke jekk tifhem li l-legislatur ma kellu ebda intenzjoni li jaqleb ta' taht

fuq dik l-istabbilita' familjari, irrespettivament mir-realta' bijologika, tifhem ukoll l-interpretazzjoni fis-sentenza **Vella u Vella** u cioe' li jekk kemm il-darba m'hemmx kontestazzjoni fuq min hu l-missier naturali u bijologiku tal-minuri jsir inutli li tapplika l-presunzjoni legali ai termini tal-Artikoli 81 tal-Kap.16 u l-Artikolu 77 ghandu jigi subordinat ghall-Artikolu 81 tal-istess Kap.

Dina l-Qorti addirittura tirrileva li jirrizulta li l-interpretazzjoni fis-sentenza Vella taghmel iktar sens fl-applikabbilita' taghha meta l-istess minuri lanqas biss ma kellha kuntatt ma' CB u cioe' dak li legalment huwa ddikjarat bhala missierha fic-certifikat tat-twelid. GhaLekk ma jirrizultax li ghandu jkun hemm xi taqlib f'hajjet il-minuri u jekk l-attur huwa missier li jixtieq jigi ddikarat bhala tali u jhares l-interessi tal-minuri dak huwa li fl-ahhar mill-ahhar jinteressa l-Qorti.

Ghaldaqstant, l-interessi tal-minuri jirrikjedu fuq kollox li r-realta' bijologika u socjologika ghandha tipprevali fuq presunzjoni legali kif interpretata fl-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu, fl-interess ewlieni tal-minuri.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-konvenut CB m'huwiex il-missier naturali tal-minuri S u tiddikjara li l-missier naturali taghha huwa l-attur.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tat-tifla SB billi f'dik il-parti ddedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija, l-isem "C B ''jigi sostitwit b'"T E ," kif ukoll izzid kwalsiasi dettalji indikati mill-istess attur fin-nota tieghu, li ghandha tigi presentata fl-atti tal-kawza u notifikata lid-Direttur Registru Pubbliku sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta WS

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**